MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 999/1997/1

Joseph Sammut
vs
Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1989 u l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li nghata kariga ta' Acting Executive soggetta ghal perijodu ta' prova ta' sitt xhur f'dipartiment totalment estranju ghal kapacitajiet u kwalifiki akkademici u professjonali tieghu b'konsegwenza li wara l-perjodu ta' prova l-kariga giet irtirata. Inoltre fl-istess perjodu gie mcahhad minn sponsorship tal-Bank Centrali ghal studji li kellu jwassal ghall-grad ta' Master of Business Administration. Inoltre fl-istess perjodu, wara li beda fuq inizjattiva u finanzjarjament personali l-grad ta' Master of Science gie mcahhad minn leave u incentivi ohra li

jinghataw lill-impjegati  lill-impjegati tal-Bank Centrali ta' Malta.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif gej:

Huwa gie mpjegat mal-Bank Centrali bhala skrivan fis-6 ta' Mejju 1976. Fl-1982 dahal l-Universita' taht l-iskema Student Haddiem biex insegwi l-kors ta' Accountant. Fl-1987 iggradwa u nghata il-promozzjoni ghall-Assistant Executive. Fl-1988 inghata il-warrant mill-Ministru tal-Finanzi biex ipprattika l-professjoni ta' Accountant. Fl-1990 temm b'success l-ezamijiet professjonali kollha bankarji tac-Chartered Institute of Bankers ta' Londra u gie elett Membru Assocjat.

Fl-istess perjodu hargu applikazzjonijiet fil-Bank Centrali ta' Malta ghal sponsorship li kellu jwassal impjegat tal-Bank Centrali ta' Malta ghall-grad ta' Master of Business Administration. Hu applika u qaghad ghal intervista. Inghazel il-Kap tad-Dipartiment tar-Rizorsi Umani biex isegwi dan il-kors.

Fuq inizjattiva personali beda jsegwi l-kors ta' Master of Science mill-Universita' ta' Bristol fir-Renju Unit. Kellu bzonn jattendi l-Universita' ghal diversi blokki ta' perjodi. Ghamel diversi applikazzjonijiet u memoranda lill-Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta biex jinghata leave bi hlas jew xi forma ta' ghajnuna ohra. It-twegiba f'kull kaz kienet tkun fin-negattiv.

Fl-1991 ghall-ewwel darba fl-istorja tal-Bank Centrali ta' Malta il-promozzjoni mill-grad li kien fih hu ghal grad superjuri giet soggetta ghal sensiela ta' ezamijiet. Jien hadt sehem f'dawn l-ezamijiet. Ir-rizultati taghhom qatt ma gew publikati. Inghata il-kariga ta' acting Executive soggetta ghal perjodu ta' sitt xhur prova fid-Dipartiment tal-Kompjuters. Dan kien Dipartiment totalment estranju ghall-kapacitajiet u kwalifiki akkademici u professjonali tieghu. Qatt ma nghata l-opportunita' li jsegwi korsijiet f'dan il-qasam gdid ghalih. Wara l-perjodu ta' prova il-kariga giet irtirata.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzi u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tigi kkonfermata l-kariga li giet irtirata u li jigi kkumpensat ghal dak kollu li gie mtellef skond kif jiddeciedi t-Tribunal jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas lilu kumpens f’ammont ta’ Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Gvernatur tal-Bank Centrali ta’ Malta li eccepixxa:

1. Illi dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jiehu konjizzjoni ta’ dan il-kaz ghat-tenur tal-Artiklu 6(2) tal-Att Nru VIII tan-1997.

2. Illi minghajr pregudizzju tal-premess dan il-kaz kien jifforma il-meritu ta’ zewg proceduri u cioe wahda quddiem it-Tribunal Industrijali u l-ohra quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li gew decizi.

3. Illi fil-kaz quddiem it-Tribunal industrijali “Joseph Sammut vs Central Bank of Malta” Kaz Nru 689) dan it-tribunal fit-3 ta’ frar 1993 iddeceida illi t-terminazzjoni tal-impieg ta’ Joseph Sammut minn mas-Central Bank kienet **ingusta** u ghalhekk ordna lis-Central Bank ihallsu s-somma ta’ Lm5010 bhala kumpens ghat-telf ta’ dan l-impieg tieghu.

4. Illi nonostante l-imsemmija decizjoni li hija “res judicata” r-rikorrent intavola kawza ohra fil-Prim awla tal-qorti Civili fl-ismijiet ‘Joseph Sammut vs Bank Centrali ta’ Malta’ (Citaz Nru 826/94AM) fejn talab illi c-Central Bank

ihallsu gratuity u beneficcji ohra minhabba t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu fuq imsemmi.

5. Illi l-Qorti b'sentenza mghotija fis-16 ta' Gunju 1995 iddecidiet il-kawza billi iddijarat ruhha inkompetenti a tenur tal-artikolu 28 (1) tal-Kap 266 u astjeniet ruhha milli tiehu konjizzjoni tal-kawza billi rriteniet illi l-imsemmi artiklu jikkonferixxi gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali li jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta u huwa biss dan it-Tribunal li jista jikkunsidra kazijiet simili.

6. Illi ghalhekk mill-premess jirrizulta ampjament car illi l-meritu tar-rikors odjern gie trattat u deciz u mhux permessibbli li jerga jinfetah quddiem Tribunal iehor, u dan apparti l-fatt illi ma saret l-ebda ingustizzja mar-rikorrent kif qieghed jallega.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent xehed li dahal mal-Bank bhala skrivan f'Mejju 1976, u fl-1980 ha promozzjoni ghal Supervisor, fl-1983 mar l-Universita`, u fl-1987 inghata promozzjoni ghal Deputy Principal, izda l-kariga giet konvertita ghal grad ekwivalenti ghal dak u cioe` ta' Assistant Executive, fl-1988 iggradwa bhala Accountant u fl-1990 ha d-degree tal-A.C.I.B., u fl-1990 saru l-ezamijiet fil-Bank biex minn Assistant Executives isiru Executives. Semma li fl-1991, sitt xhur wara nghataw dawn il-karigi minn Assitant Executive ghal Executive permanentement, inghataw erba' karigi fi grad Acting, fejn riedu jaghmlu perjodu ta' prova. Qal li dak iz-zmien kellu kwalifiki ta' B.A. Hons. Accountancy u Warrant Accountant, u kellu wkoll l-

A.C.I.B., li hu grad ekwivalenti ghall-grad universitarju, u kien fin-nofs tal-kors ta’ Master of Science f’ Universita` fl-Ingilterra. Fil-fatt sena wara kien ha l-grad ta’ Master of Science fl-Universita` tal-Bristol. Qal li hu kien inghata l-kariga ta’ Acting u t-tlieta l-ohra li tpoggew Acting kienu Philip Chircop, Carmel Camilleri, u Edward Calleja, li dawn it-tlieta kienu minghajr kwalifiki. Spjega li hu hassu insultat peress li dawn il-persuni thallew fil-pozizzjoni li kienu jokkupaw, u cioe` fil-kariga ta’ Assistant Executive, mentri hu kien l-uniku wiehed li kien tpogga mill-Finance Division ghad-Dipartment tal-Computers fejn kellu jipprova lilu nnifsu ghal sena. Semma li kien baghat ghalih il-Gvernatur tal-Bank Centrali li qallu li ser jigi trasferit fid-Dipartiment tal-Computers. Qal li d-Dipartiment tal-Computers kien estranju ghalih u qatt ma tghallem computer peress li qatt ma dahal f’dik il-linja tax-xoghol. Ghalhekk qal li hu hassu tradut. Specifika li l-kors li kien qed isegwi fil-Master of Science kien fil-Finanzi u fil-Management. Semma wkoll li meta talab leave specjali lill-Bank biex ikun jista’ jattendi kors barra, il-Bank innegalu d-dritt li jiehu dan il-leave u kellu jiehu leave minn tieghu. Qal lis-Sur Galdes li hassu tradut li tpogga f’dan id-dipartiment tal-computers, sabiex meta tghaddi s-sena, timpedilu d-dritt li jiehu l-promozzjoni. Qal li ma kellux triq ohra, kellu joqghod ghal din id-decizjoni, fejn ma kienx jinghata xoghol u x-xoghol kien jivvintah hu, u jgorr xi computer l’hawn u l’hinn. Semma li s-superjur tieghu kien David Pullicino, li llum Deputat Gvernatur tal-Bank, li ma kien ighaddilu l-ebda tip ta’ xoghol. Zied ighid li hu kien il-persuna numru 2 hemmhekk izda hu ma kienx jaf xejn dwar is-sistema kompjuterizzata u x-xoghol kienu jaghmluh l-iskrivani li marru l-korsijiet, meta hu kellu l-kwalifiki fuqhom. Spjega li ma kien inghata l-ebda handover jew struzzjonijiet u kien ihossu izolat, minghajr ebda xoghol. Zied ighid li wara li ghaddiet is-sena baghat ghalih il-Gvernatur quddiem tnejn minn nies ohra, Alfred Sapiano u Pullicino stess, fejn qalulu li ma lahaqx il-livelli stabbiliti u ghalhekk qalulu li se jnizzluh, u apparti li tnizzel grad u tnaqqsitlu l-paga hassu ridikolat filwaqt li l-ohrajn li kienu tpoggew Acting gew konfermati fil-grad.

Xehed <u>Anthony Galdes</u> li spicca mill-Bank Centrali xi ghaxar snin ilu fil-kariga ta’ Gvernatur tal-Bank Centrali. Qal li jiftakar lir-rikorrent il-Bank u jiftakar li fl-1991, is-Sur Sammut kien tpogga f’sezzjoni fil-Bank Centrali, li kienet responsabbli mill-kompjuterizazzjoni. Semma li l-Bank kien iddecieda li jaghmel strategija biex jahseb ghal quddiem biex il-Bank dejjem ikollu nies efficjenti u nies tal-affari taghhom. Spjega li dak iz-zmien kien sar l-ezercizzju u hargu l-applikazzjonijiet, u r-rikorrent kien applika u kien wiehed minn dawk maghzula. Qal li izda din il-kariga kienet taht Acting, biex jaraw in-nies li gew assessjati kif kienu ser ikunu fil-pozizzjoni fejn kellhom iktar responsabbilta’ u f’gheluq is-sena, kellu jsir rapport halli jigi konfermat min intaghzel. Zied ighid li sfortunatament ir-rikorrent ma kellux rapporti tajbin. Qal li dak iz-zmien wiehed kien haseb li s-Sur Sammut, qualified Accountant tajjeb kellu jmur tajjeb f’ dan ix-xoghol. Semma li hu kien iqis lir-rikorrent bhala intelligenti. Dak iz-zmien is-sezzjoni fejn mar kien krucjali, ghax it-teknologija moderna kienet twassal ghal hafna ohrajn, u kien qallu biex jipprova u hekk juri certa kapacita`. Semma li kien irrizultalu izda mir-rapport fuq ir-rikorrent, li ma kienx hemm kontribut sodisfacenti.

Qal li jiftakar li r-rikorrent kien wiehed mill-iktar li gab marki gholjin fl-ezercizzju tal-1991, izda meta ntbaghat fil-post fejn kien intbaghat, ma kienx qed ihaddem id-doti li kellu imma li jiftakar hu li kien fl-Economics Department u li kien Qualified Accountant, u ghalhekk, qal li ghalih, persuna li tkun Accountant, suppost tkun familjari mal-computer. Qal li ma jafx jekk f’dak id-dipartiment hu nghatax training specifiku. Zied ighid li rcieva r-rapport dwar ir-rikorrent minghand il-Head tieghu, is-Sur Pullicino. Spjega li wara r-rapport ta’ sitt xhur kien kellem lir-rikorrent, u kien qallu biex jirregolarizza x-xoghol tieghu, izda ma ddiskutiex mas-Sur Pullicino, jekk kienx hemm post adattat iehor ghar-rikorrent jew jekk kellux tahrig fil-kompjuterizazzjoni.

Xehed <u>John Agius</u> Deputy General Manager responsabbli mir-Rizorsi Umani li qal lir-rikorrent kien jafu u kien fil-Finance Section, imbaghad, intbaghat il-Banking u wara, kien spicca fid-Data Processing Department, fejn kien

appuntat bhala Acting Executive. Spjega li dak iz-zmien kien sar ezercizzju, u kien hemm numru ta' Executives li nghataw Acting appointment, bhala zmien ta' prova. Qal li hu ma kellu l-ebda involviment ma' dak l-ezercizzju ta' promozzjonijiet ghax kien is-Sur Portelli li kien involut. Semma li r-rikorrent kien kwalifikat bhala accountant, kien mar l-Universita` u kellu l-warrant ta' accountancy, u minbarra hekk gab ukoll il-Banking Qualification tal-A.C.I.B. u fuq inizjativa tieghu, kien qed jistudja ghal Masters fi Bristol University, fl-International Business jew l-International Economics. Qal li r-rikorrent ma kienx kwalifikat fid-Data Processing Sector jew fil-Computers, u hadd mill-persuni l-ohra li gew appuntati Acting ma kellu dawn il-kwalifiki, tant li eventwalment, il-Bank irrekruta lil xi hadd fl-1991, li kien Saviour Busuttil u li kien kwalifikat f' dan is-settur. Qal ukoll li qatt ma kien involut f'xi ezercizzju biex ir-rikorrent jinghata tahrig fuq il-computers. Semma li ma jiftakarx li r-rikorrent kellu xi kazi ta' dixxiplina hlief li kien hemm struzzjonijiet mill-Bank peress li r-rikorrent kien deher fuq programm politiku, u kienu gibdulu l-attenzjoni ghal dan. Zied ighid li qatt ma kien hemm rapporti hziena dwar Sammut. Meta r-rikorrent kien Acting qal li kien hemm diversi rapporti dwaru li l-livell tax-xoghol ma kienx qed jilhaq il-livell mixtieq fir-rigward ta' management u leadership, u dan kien gie riferut anke lis-Sur Sammut stess. Ir-risposta tar-rikorrent kienet li dak ix-xoghol fejn intefa' ma kienx ix-xoghol li idealment kellu jaghmel. Fil-fatt kien hemm ilment mir-rikorrent li hu ma kienx kwalifikat ghal dak ix-xoghol, imma ghal xoghol iehor. Qal li kienet decizjoni tas-Sur Galdes, il-Gvernatur ta' dak iz-zmien sabiex ir-rikorrent jintbaghat fis-sezzjoni tal-computerisation u ghalhekk is-Sur Sammut seta' juza r-rizorsi tal-accountancy li hu kien jaf li kien kwalifikat fihom, biex jigu implimentati f' din is-sezzjoni, ghax ried li jkun hemm nies f' din is-sezzjoni li jistghu ighinu fiha. Hu kkonferma li f'dak l-istess zmien, kien hemm ohrajn li gew appuntati bhala Acting u cioe` Edmond Calleja, Carmen Camilleri u Philip Chircop, izda ma jafx kinux baqghu fl-istess sezzjoni li kienu fiha jew intbaghtux xi mkien iehor. Fil-fatt wara li vverifika qal li Philip Chircop gie appuntat Acting Executive mill-1 ta' Marzu 1991 u gie trasferit mir-releave section fil-Human Resources Department ghal

xoghol fl-amministrazzjoni. Qal li Edmond Calleja li nghata l-appointment ta' Acting Executive mill-1 ta' Marzu 1991 baqa' fl-istess post li kien izda f'kariga izjed baxxa li kienet fl-istess sezzjoni ta' exchange control. Qal ukoll li Carmen Camilleri giet appuntata fl-istess data ma' dawn il-persuni bhala Acting Executive u baqghet tahdem fl-istess sezzjoni tal-exchange control izda f'kariga oghla. Fir-rigward tal-kors tal-computer sab li r-rikorrent kien intbaghat ghall-kors ta' jumejn li kien sar mit-3 sal-5 ta' April 1991. Semma li l-Bank kien ukoll irranga kors tal-computer mad-Dell Computers li kellu jinzamm bejn it-12 ta' Novembru u s-6 ta' Dicembru 1991 u s-Sur Sammut kien avzat biex jattendi dan il-kors, izda kellu johrog bis-sick leave ghal perjodu twil u m'attendiex il-kors. Semma wkoll li kien gie organizzat seminar ta' jumejn li kien jismu Controlling Information Technology, li sar fit-12 u fit-13 ta' Marzu 1992, u kienu gew nominati s-Sur Sammut u haddiehor, izda r-rikorrent kien fuq Special Leave dak iz-zmien. Minbarra hekk qal li l-kors li r-rikorrent kien segwa tal-B.A.Hons Accountancy kellu diversi suggetti fosthom management tal-computers, bi preparazzjoni ghax-xoghol relatat ma' l-accountancy, fosthom 'logistics', 'computing' u 'operations', 'research' u 'data processing'. Spjega li dak iz-zmien ma kien hemm hadd fil-Bank li kellu kwalifika fil-computers. Fil-fatt semma lil certu Ray Bonnici li kellu kwalifika fil-Banking u ma kienx kwalifikat fil-computers, u l-kariga tieghu fil-Bank kienet bhal tar-rikorrent, u llum sar manager ta' l-I.T. Department. Semma wkoll li fl-istess Dipartiment ta' l-I.T. tas-Sur Sammut kien intbaghat Ray Filletti li hu accountant u bankier ukoll, li kien ghamel 4 snin fl-istess xoghol, u llum is-Sur Filletti hu responsabbli tal-Financial Control Department.

Hu esebixxa dokument a fol 120, li hi staff notice, fejn hemm imnizzel dwar dawn l-Acting Executives u l-appointment taghhom u l-movimenti li saru, kif ukoll dokumenti dwar il-kwalifiki ta' dawn it-tliet persuni. Fir-rigward tal-kwalifiki ta' Carmen Camilleri din kellha 3 'A' Levels u 7 'O' levels u f'Dicembru 1990 ggradwat mill-Universita` ta' Malta fid-Diploma in Labour Studies. Philip Chircop kellu 3 'A' levels u 7 GCE 'O' Levels u ma kellux kwalifiki addizzjonali jew ta' l-Universita`. Semma li Edwin

Calleja kellu 4 'A' Levels u 8 GCE 'O' Levels, u ma kellux kwalifiki professjonali jew tal-Universita`.

In kontro-ezami qal li d-diploma in Labour Studies, dak inhar il-Bank ma kienx jaghti allowance ghaliha. Qal ukoll li Carmen Camilleri u Edmond Calleja baqghu fl-istess post meta nghataw il-promozzjoni ta' Acting Executive, filwaqt li Philip Chircop kien re-leave u mar l-administration ghax kien sekondat fl-Ufficju tal-Prim Ministru u ghalhekk meta nghata l-kariga ta' Acting Executive fil-11 ta' Marzu ta' l-istess sena. Hu kkonferma wkoll li l-karigi ta' Acting f'postijiet manigerjali, inghataw biss f'din l-okkazzjoni. Fir-rigward ta' Raymond Bonnici, qal li qatt ma nghata kariga ta' Acting, u kien ha kariga ghall-grad ta' Executive, u kellu l-probation tieghu, u dan kien ftit jiem biss wara li ha d-diploma ta' l-A.C.I.B. Rigward Raymond Filletti qal li qatt ma nghata l-kariga ta' Acting.

Xehed <u>David Pullicino</u> Deputy Governor fil-Bank Centrali li qal li fl-1992, kien in charge mis-sezzjoni tad-data processing fil-Bank. Qal li jiftakar li r-rikorrent Sammut dak iz-zmien kien gie trasferit ghal din is-sezzjoni. Semma li Tony Galdes kien baghat ghalih u talbu biex jibghatlu lis-Sur Sammut fis-sezzjoni minflok xi haddiehor li kien telaq. Spjega li d-Data Processing Section kienet maqsuma f'zewg sezzjonijiet, li kienu IMB Computing System u s-Support Section. Qal li r-rikorrent dak iz-zmien kien Acting Executive f' dik is-sezzjoni tad-Data Processing. Semma li jaf li r-rikorrent kien kwalifikat fl-accounts u fl-A.C.I.B., u meta kien mar fis-sezzjoni kien qed jistudja ghal masters fi Bristol. Spjega li s-settur li studja fih ir-rikorrent kien fl-accountancy, u kwalifiki fl-informatika ma kellux. Zied li dak iz-zmien ma kienu jibghatu lil hadd ghal korsijiet ta' l-informatika. Spjega li r-rikorrent ma kienx qed jingrana fuq ix-xoghol, u din hi wahda mir-ragunijiet ghax fl-ahhar tas-sitt xhur ma setax jikkonfermah.

Spjega wkoll li l-kmamar tieghu u tas-Sur Sammut kienu vicin, u ghalhekk kien ikun hemm djalogu ta' kulljum bejniethom u darba anke staqsieh fejn kieku jixtieq imur, u

s-Sur Sammut kien irrisponda li kieku jkun trouble shooter, isolvi problemi fejn jinqalghu u wara jaghmel rapport dwarhom. Zied ighid li s-sezzjoni kienet tissejjah Data Processing, ghax kienu jipprocessaw id-data tal-Bank, ghax xoghol ta' programming fil-computer ma kienx hemm. Qal li darba jiftakar li r-rikorrent kien ipprotesta mieghu li ma kienx mechanic, u dan ghax kien intbaghat fuq xi post, wara incident partikolari li xi computer ma kienx qed jixghel. Specifika li dik kienet haga ta' darba. Fil-fatt qal li gieli tela' hu wkoll. Semma li s-Sur Sammut kien kwalifikat iktar minnu, u qal li x-xoghol ta' Support Executive kellu x'jaqsam ma' l-accountancy u seta' anke jiehu x-xoghol tieghu iktar 'il quddiem. Hu kkonferma li meta mela l-formola dwar ir-rapport tar-rikorrent ma rrakomandahx.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi dan it-Tribunal fit-12 ta' Lulju, 2001 iddecieda dwar l-ewwel eccezzjoni fuq il-kompetenza billi ddecieda li rifjut tal-fakulta` li jaghmel kors fil-Masters u li ma nghataw paid study leave ma humhiex tal-kompetenza tat-Tribunal u laqa' ghalhekk l-eccezzjoni tal-***ratione materiae*** dwar dan u ordna li jsiru l-provi dwar jekk il-fatt li r-rikorrent tpogga f' section li ma kenitx addatata ghall-kwalifiki, kompetenzi u xjenza tieghu bhala acting, liema in kariga in segwitu tnehhietlu jammontawx ghal ingustizzja fit-termini tal-Kap. 394 Artikolu 6(1), u b' dan li dwar tkeccija kull kumpens dovut gja gie deciz mit-Tribunal Industrijali.

Illi ghalhekk jirrizulta li fl-1991 ir-rikorrent inghata l-kariga ta' Acting Executive bi prova fid-Dipartiment tal-Computers, liema dipartiment kien estraneju ghalih u fejn ma kellux kwalifiki akkademici u professjonali. Nies ohra nghataw appointment simili izda f' dipartimenti ohra. Ir-rikorrent sostna li tali decizjoni kienet ingusta ghax kien hafna aktar facli ghan-nies l-ohra li jippruvaw lilhom infushom f' sezzjonijiet li gja kienu fihom waqt li hu kellu jasserixxi ruhu f' dipartiment totalment gdid u fejn anqas biss kellu l-kwalifiki necessarji.

Illi rrizulta car li r-rikorrent kellu hafna kwalifiki u kien bniedem intelligenti u probabbilment kienu propju dawn il-

meriti li wasslu ghall-isfortuna tieghu fis-sens li s-superjuri tieghu kienu speraw li bil-kapacitajiet kbar tieghu huwa kien ser ikun kapaci jadatta ruhu ghall-problemi godda f' dipartiment fundamentali tat-teknologija u informatika fejn izda sfortunatament ir-rikorrent ma ppruvax lilu nnifsu b' mod tajjeb. Issa r-rikorrent jilmenta fir-rikors mill-fatt li nghata tali hatra u certament it-Tribunal ma jistax isib li saret xi ingustizzja mieghu li nghata din il-hatra ghax jekk xi haga s-superjuri tar-rikorrent kienu qeghdin jattribwixxu fiducja zejda lir-rikorrent u jidher ovvju li zgur ma kien hemm ebda intenzjoni ta' ingustizzja. Huwa veru li mill-mod kif zvolgew l-affarijiet fejn nies ohra nghataw Acting Appointment ta' natura aktar facli u li dawn in-nies kienu kwalifikati anqas minnu izda dan ma jwassalx ghal ingustizzja fit-termini tal-ligi. Irrizulta wkoll li Calleja, Chircop u Camilleri kellhom seniority aktar mir-rikorrent ghax dahlu fil-bank fl-1970, 1970 u 1969 rispettivament waqt li r-rikorrent dahal fl-1976 u ovvjament kienu propju l-kwalifiki superjuri tieghu li wasslu lill-bank biex jaghti l-Acting Appointment ekwivalenti lir-rikorrent bhal ma ta lit-tlieta l-ohra. It-Tribunal jinnota wkoll li s-sezzjoni fejn tpogga fiha bhala Acting ir-rikorrent kienet wahda manigerjali u mhux teknika. Dan kollu jwassal biex it-Tribunal ma jhossx li fil-kaz in ezami tirrizulta ingustizzja u ghalhekk jilqa' l-eccezzjonijiet tal-bank intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------